PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 7433

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 531 tal-10 ta' Jannar 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**ĦIN TAL-INTERRUZZJONI TAX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**57. L-ONOR. JASON AZZOPARDI staqsa lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid kemm u meta kienu d-drabi fl-2021 li s-seduta tal-Parlament spiċċat qabel il-ħin, ċjoè qabel is-7.00 p.m?

12.12.2021

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt.

Fl-informazzjoni li qiegħda tingħata bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Onor. Interpellant dwar kemm il-darba l-parlament waqaf qabel is-7.00pm is-Sedja qiegħda tifhem li l-Onor. Membru qiegħed jirreferi għall-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol meta l-Kamra tiġi aġġornata. Kif jaf ben tajjeb l-Onor. Azzopardi, għalkemm fil-maġġor parti tal-każi l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun is-7.00 p.m. hemm ukoll numru konsiderevoli ta' drabi meta minħabba raġuni jew oħra l-Parlament jiltaqa' f'ħinijiet differenti, bħal pereżempju meta ssir id-diskussjoni tal-*budget*, fejn appuntu l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ma jkunx is-7.00 p.m. F'dawn il-każi ikun hemm dejjem mozzjoni ta' proċedura jew ftehim tal-Kamra li jirregola dan, u li jippermetti li l-Kamra tiltaqa' filgħodu jew f'ħinijiet differenti minn dak ta' bejn l-4.00 u s -7.30 p.m.

Is-Sedja tikkjarifika wkoll li fl-informazzjoni li qiegħda tagħti, hemm numru konsiderevoli ta' istanzi fejn għalkemm il-Kamra ġiet aġġornata ftit ħin qabel l-interruzzjoni tax-xogħol, id-diskussjoni fil-Kamra waqfet wara s-7.00 p.m. u dan ai termini tal-OP 10(4) li permezz tiegħu kelliema mill-gruppi parlamentari fuq bażi ta' alternanza, jistgħu jitkellmu għal nofs siegħa wara li jitressaq l-aġġornament tal-Kamra.

Minn total ta' 118 seduti li fihom iltaqa' l-Parlament matul l-2021, kien hemm 39 darba fejn il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol jitressaq qabel dak skedat mill-istess Kamra, kif ġej:

| Seduta | Data | Interruzzjoni tax-Xogħol |
|---|---|---|
| 415 | 13 ta' Jannar 2021 | 6.41 pm |
| 418 | 20 ta' Jannar 2021 | 6.44 pm |
| 422 | 1 ta' Frar 2021 | 6.55 pm |
| 423 | 2 ta' Frar 2021 | 6.46 pm |
| 425 | 8 ta' Frar 2021 | 7.55 pm |
| 433 | 1 ta' Marzu 2021 | 6.47 pm |
| 434 | 2 ta' Marzu 2021 | 6.52 pm |
| 435 | 3 ta' Marzu 2021 | 6.01 pm |
| 437 | 9 ta' Marzu 2021 | 6.28 pm |
| 440 | 15 ta' Marzu 2021 | 6.39 pm |
| 441 | 16 ta' Marzu 2021 | 6.47 pm |
| 442 | 17 ta' Marzu 2021 | 6.54 pm |
| 443 | 22 ta' Marzu 2021 | 6.43 pm |
| 444 | 23 ta' Marzu 2021 | 6.48 pm |
| 451 | 21 ta' April 2021 | 6.40 pm |
| 452 | 26 ta' April 2021 | 6.35 pm |

| | | |
|---|---|---|
| 455 | 3 ta’ Mejju 2921 | 6.55 pm |
| 456 | 4 ta’ Mejju 2021 | 6.21 pm |
| 457 | 5 ta’ Mejju 2021 | 6.47 pm |
| 458 | 10 ta’ Mejju 2921 | 6.55 pm |
| 461 | 17 ta’ Mejju 2921 | 6.52 pm |
| 462 | 18 ta’ Mejju 2021 | 6.45 pm |
| 466 | 26 ta’ Mejju 2021 | 6.55 pm |
| 468 | 1 ta’ Ġunju 2021 | 6.24 pm |
| 469 | 2 ta’ Ġunju 2021 | 6.30 pm |
| 471 | 8 ta’ Ġunju 2021 | 6.32 pm |
| 472 | 9 ta’ Ġunju 2021 | 6.55 pm |
| 477 | 22 ta’ Ġunju 2021 | 6.52 pm |
| 478 | 23 ta’ Ġunju 2021 | 6.20 pm |
| 479 | 28 ta’ Ġunju 2021 | 10.57 am |
| 480 | 28 ta’ Ġunju 2021 | 6.34 pm |
| 481 | 30 ta’ Ġunju 2021 | 11.16 am |
| 485 | 6 ta’ Lulju 2021 | 5.48 pm |
| 492 | 5 ta’ Ottubru 2021 | 6.20 pm |
| 495 | 12 ta’ Ottubru 2021 | 6.30 pm |
| 496 | 13 ta’ Ottubru 2021 | 6.01 pm |
| 521 | 17 ta’ Novembru 2021 | 6.45 pm |
| 522 | 22 ta’ Novembru 2021 | 6.54 pm |
| 528 | 6 ta’ Diċembru 2021 | 6.51 pm |

10.01.2022